MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2012

Numru. 265/2007

Il-Pulizija

(Spettur Josric Mifsud)

Vs

Carmel Saliba bin John u Josephine nee' Calleja imwieled fl-10 ta' Gunju 1955 u residenti fil-fond 63, Triq il-Knisja, Zebbug, Ghawdex detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 38055(G)

U

Josef Said, bin Michael u Lucy nee' Grech imwieled fid-19 ta' Mejju 1981 u residenti fil-fond Rosemar Court, Flat 2, Triq iz-Zernieq, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 5082(G)

U

Joseph Muscat, bin Paul u Consiglia nee' Portelli imwieled fit-03 ta' Awwissu 1965 u residenti fil-fond 29, Triq Guze Ellul Mercer, Nadur, Ghawdex detentur tal-karta ta'l-identita bin-numru 27965(G)

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputati Carmel Saliba, Josef Said u Joseph Muscat li permezz taghha huma gew akkuzati talli nhar it-03 ta' Frar 2007 u xahrejn ta' qabel, fl-inhawi bejn il-Qolla s-Safra u Wied l-Infern, Marsalforn limiti taz-Zebbug, Ghawdex ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofs in-nhar (1400hrs), lil Carmel Saliba bhala sindku tal-Kunsill Lokali Zebbug, Josef Said bhala wiehed mid-diretturi ta' Said Construction u Joseph Muscat bhala l-persuna li fil-fatt iddepozita l-iskart:

1. iddepozitaw radam f'sit li ma hux sit ghar-rimi u li ma hux kopert b'licenzja ghal dan il-ghan mahruga mid-direttur ghal Harsien tal-Ambjent (A.L.128/1997 Art3,4).
2. naqsu li josservaw xi disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-1997 dwar drittijiet u depozitu ghal kull skart u radam (A.L.128/1997 Art22).
3. dahhlu ghal xi attivita fil-mannigjar tal-iskart minghajr permess mill-awtorita kompetenti u bi ksur ta' tharis tar-Regolamenti tal-2001 dwar permessi u kontrolli fil-maniggjar tal-Iskart (A.L.337/2001 Art.6.)
4. abbandunaw, waqqghu, tefghu jew xort'ohra immannigjaw skart mhux skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-2001 dwar permessi u kontrolli fil-manniggjar tal-iskart (A.L.337/2001 Art.26(a)).
5. qieghdu skart f'post fejn ma hux post li jigi immanniggjat l-iskart u li ma hux post li awtorizzat li jircevi tali skart bis-sahha ta' xi permess (L.N.337/2001 Art.7(3)).
6. minghajr awtorizazzjoni b'ligi, remghu, tefghu, jew iddepozitaw xi zibel f'post pubbliku jew spazju fil-miftuh li l-pubbliku ghandu access ghalih (A.L.344/2005 Art.4).
7. hattew jew qieghdu f'periklu b'kull mezz li ikun l-istabbilita ta' hitan tas-sejjieh, kostruzzjoni, struttura jew fond rurali u ma hallewx l-ilma tax-xita jghaddi gieri minn gol-binja tal-hitan tas-sejjieh jimmina s-sisien ta' xi hajt tas-sejjieh, kostruzzjoni, struttura jew fond rurali. (A.L.160/1997 Art5(2)).

8. Naqsu li josservaw xi disposizzjonijiet tar-Regolamenti tal-1997 dwar hitan tas-sejjieh u strutturi rurali (A.L.160/1997 Art7(a)).

U lil Josef Said wahdu:
9. Aktar talli bhala direttur tal-Kumpanija Said Construction, bhala pussessur tal-iskart jew bhala persuna li indahal ghal hidmiet li ghandhom x’jaqsam ma’ dana ix-xoghol u ghalhekk responsabbli ghal immaniggjar tal-iskart, naqas li jizgura li dan l-immanigjar isir skond ir-Regolamenti tal-2001 dwar il-permessi u kontrolli fil-maniggjar tal-iskart. (L.N.337/2001 Art7(1)(2)).

U lil Joseph Muscat wahdu:
10. Aktar talli bhala haddiem mas-Said Construction, bhala pussessur tal-iskart jew bhala persuna li indahal ghal hidmiet li ghandhom x’jaqsmu ma’ dana ix-xoghol u ghalhekk responsabbli ghal maniggjar tal-iskart, naqas li jizgura li dan l-immannigjar isir skond ir-Regolamenti tal-2001 dwar il-permessi u kontrolli tal-manigjar tal-iskart (L.N. 337/2001 Art 7(1)(2)).

U fl-ahhar lil Carmel Saliba wahdu, fl-istess post u cirkostanzi:
11. Talli bhala is-Sindku taz-Zebbug, Ghawdex ftiehem jew b’liema mezz li ikun ghen jew hajjar lil Josef Said sabiex jinkisru id-disposizzjonijiet tal-A.L.337/2001, A.L.128/1997 u A.L.160/1997 jew biex jonqos milli jikkonforma mad-disposizzonijiet tal- A.L.337/2001, A.L.128/1997 u A.L.160/1997 jew biex jikser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposti minnhom. (A.L.337/2001 Art26(e), A.L.128/1997 Art 22(d), u A.L.160/1997 Art.7(d))
12. U aktar talli bejn it-3 u is-16 ta’ Frar 2007, ikkonfoffa jew ittanta, jew ghen, jew hajjar lil xi hadd iehor b’liema mezz jkun, inkluz ir-reklamar, l-ghoti ta’ pariri jew ta’ flus sabiex jinkisru d-disposizzjonijiet ta’ dawn ir-regolamenti jew biex persuna tonqos milli tikkonforma ma’ dawk id-disposizzjonijiet (inkluza kull ordni legittima moghtija skond xi disposizzjoni ta’ dawn ir-regolamenti) jew biex kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew taht dawn ir-regolamenti (L.N.337/2001 Art.26(e).

Rat id-dokumenti.

Semghet il-provi.

Semghet it-trattazzjoni.

Rat In-noti ta' sottomissjonijiet ipprezentati mill-imputati Carmel Saliba u Josef Said.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi fit-03 ta' Frar 2007 ghal habta tas-saghtejn ta' wara nofs in-nhar intefa materjal f'sit li jinsab bejn il-Qolla s-Safra u Wied l-Infern, Marsalforn, limiti taz-Zebbug. Huwa fatt mhux ikkontestat illi dana l-materjal intefa' fuq struzzjonijiet moghtija mill-imputat Carmel Saliba u dana fil-kwalita tieghu bhala Sindku taz-Zebbug, Ghawdex. L-imputat Saliba jikkontendi illi x-xoghol kien jikkonsisti fi tfigh ta' torba sabiex tigi mwittija t-triq gewwa Wied l-Infern u dana sabiex il-bdiewa li ghandhom ir-raba f'dina iz-zona jkollhom accessibilita ahjar anke bl-ingenji. Dana ghaliex it-triq generalment tkun mimlija hofor u hotob li jaghmel l-access ferm difficli ghal dawn il-bdiewa. Huwa jikkontendi illi dina ma kinitx l-ewwel okkazzjoni li l-Kunsill ha hsieb li jsir dana t-tip ta' xoghol. Ghal dana l-ghan huwa nkariga lill-imputat Josef Said, direttur tas-socjeta Said Constructions sabiex jipprovdilu l-materjal ghat-twittija tat-triq. Huwa ma applika ghall-ebda permess mill-awtoritajiet ikkoncernati sabiex isir dana x-xoghol ghax deherlu li ma kellux ghalfejn jaghmel dan.

Jidher illi fil-jum tat-03 ta' Frar 2007, beda jsir dana x-xoghol. Fil-fatt jidher illi x-xoghol kien qed isir minn Josef Said u l-impjegat tieghu l-imputat l-iehor Joseph Muscat li xogholu kien bhala sewwieq tal-JCB. Gara madanakollu illi sar rapport mal-pulizija dwar dana x-xoghol u meta accedew il-pulizija fuq il-post u sabu dana x-xoghol ghaddej, huma waqqfu lill-imputati immedjatament. Wara dana u cioe' fil-5 ta' Frar 2007 inhareg *enforcement notice*

mill-Awtorita ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (Dokumenti JS5 u JS6) ghal waqfien ta’ dana x-xoghol.

Illi fit-03 ta’ Frar 2007 kien acceda fuq il-post rappresentant tal-MEPA u cioe’ Gordon Grech li kien ha r-ritratti ta’ dak li ikkonstata fuq il-post. Gara madanakollu illi fil-jiem ta’ wara jidher illi xorta wahda baqa’ jintefa t-terrapien u materjal iehor ta’ skart f’dana s-sit. Fil-fatt mir-ritratti mehuda minn Elysia Bugeja, Environment Protection Officer, li ghamlet l-ispezzjoni taghha fis-16 ta’ Frar 2007, jirrizulta illi l-materjal mitfugh issa zdied.(ara ritratti Dokument AB). Fir-ritratti jidhru wkoll zewg blokok kbar tal-konkrit. Illi l-imputat Saliba, minn naha tieghu, jichad illi dana l-materjal intefa’ minnu jew minn xi nies inkarigati minnu. Isostni illi wara li gie mwaqqaf mill-MEPA beda jinnota illi xi terzi injoti tefghu materjal ta’ radam u skart iehor f’dana s-sit u ghalhekk kien ta istruzzjonijiet lill-imputat Josef Said sabiex jaghlaq l-access ghal wied permezz ta’ zewg blokok tal-konkrit.

Illi d-difiza tal-imputati Saliba u Said, tressaq essenzjalment zewg linji difenzjonali. Fl-ewwel lok issostni illi l-materjal mitfugh fil-jum tat-03 ta’ Frar 2007 kien jikkonsisti f’torba u kwindi ma jaqax taht id-definizzjoni ta’ skart moghtija fil-ligi u fit-tieni lok issostni illi l-materjal l-iehor li ntefa wara t-03 ta’ Frar 2007 ma giex mitfugh mill-imputati u kwindi huma qatt ma jistghu jinstabu hatja dwar l-istess. Illi l-imputat Joseph Muscat minn naha tieghu jikkontendi illi huwa qatt ma jista’ jinsab hati tal-akkuzi migjuba kontrieh billi huwa kien impjegat bhala sewwieq, ma tefax materjal u xogholu kien biss li ijsuq il-JCB u jwitti t-torba.

Illi fir-rigward tal-ewwel linja difenzjonali, l-imputati qeghdin isostnu illi l-materjal mitfugh fit-03 ta’ Frar 2007 kien jikkonsisti f’torba u mhux terrapien. Illi fin-nota ta’ sottomissjonijiet imressqa mill-imputati Carmel Saliba u Josef Said issir distinzjoni bejn id-definizzjoni moghtija ta’ dawn iz-zewg termini. Id-difiza issostni illi t-terminu **torba** jikkomprendi fih “trab imghaqqad bl-ilma u wara mnixxef, ta’ lewn daghmi, qisu hamrija, li bl-eghfis jitfarrak, li jiswa biex bih jimlew bejn hajt u iehor jew gebla u ohra f’bini tal-

kampanja, kif ukoll jordmu l-oqbra tac-cimiterju, trab tafli, ecc., uzat fit-tisqif tal-bjut ecc..”

Illi l-Avviz Legali 128 tal-1997 jaghti bhala definizzjoni ta’ radam :

“*radam li jorigina f'Malta u li mhux hamrija u jinkludi materjal bhal trab, bicciet tal -gebel tal-franka jew gebel iehor, konkrit, madum, zrar, ramel, xahx, turbazz li jirrizulta minn thaffir, preparazzjoni tal-art, twaqqiegh ta’ bini, xogholijiet ta’ toroq u xogholijiet simili*.”

L-artikolu 3 tal-Avviz Legali imbaghad jiddisponi illi: “*Hadd ma jista’ jiddepozita, radam, skart, jew skart perikoluz f’xi sit li mhux sit ghar-rimi*.”

Ikompli mbaghad l-artikolu 4 jiddisponi illi persuna tista’ tuza sit ghad-depozitu ta’ skart, skart perikoluz jew radam jekk ikollha permess ghal dana l-ghan mahrug mid-Direttur tal-Harsien tal-Ambjent.

Illi ma hemmx dubbju ghalhekk illi t-tfigh ta’ dak li l-imputati jsejhu **torba** jaqa’ fil-parametri tad-definizzjoni ta’ “radam” kif indikat fil-ligi billi dana jikkomprendi kull forma ta’ trab jew xahx jew materjal iehor uzat ghal xogholijiet ta’ toroq. Illi ghalhekk l-imputati kellhom bzonn il-permess mill-awtoritajiet ikkoncernati sabiex jintefa’ dana t-tip ta’ materjal fi kwalunkwe sit li mhux sit ghar-rimi. Ma hemmx dubbju lanqas illi Wied l-Infern ma kienx sit kopert b’xi permess ghal rimi ta’ skart jew materjal iehor. Jidher illi dana l-materjal intefa’ fuq struzzjonijiet tal-imputat Carmel Saliba fil-kwalita tieghu ta’ Sindku tal-Kunsill taz-Zebbug. Dana t-tfiegh ta’ materjal sar mill-imputat l-iehor Josef Said bhala direttur ta’ Said Constructions. Madanakollu ma hemmx prova fl-atti illi Joseph Muscat b’xi mod tefa’ dana l-materjal. Jidher illi xogholu kien biss bhala impjegat mal-kumpanija Said Construcions u gie nkarigat sabiex iwitti l-materjal. Kwindi l-ewwel zewg akkuzi fil-konfront tal-imputati Carmel Saliba u Josef Said jirrizultaw ippruvati.

Illi maghdud dana kollu, madanakollu ghandu jinghad illi ma tirrizulta l-ebda prova fl-atti illi xi hadd mill-imputati

kien involut fit-tfigh ta’ xi skart fil-granet ta’ wara t-03 ta’ Frar 2007. Ma hemm l-ebda xhud li jindika illi xi hadd minnhom kien tefa’ dana l-iskart. L-imputat Saliba jichad dana u billi ma hemmx prova ohra fl-atti li tikkontradixxi dana kwindi fuq bazi ta’ probabbilita’ l-prova maghmula minnu hija wahda sufficjenti sabiex jigi ezonerat mir-responsabbilita ghal dina l-azzjoni. Illi l-istess jista jinghad fir-rigward taz-zewg imputati l-ohra. Huwa minnu illi fil-granet ta’ wara t-03 ta’ Frar 2007 intefa’ iktar materjal f’dana l-post, izda ma hemm l-ebda prova illi kien xi hadd mill-imputati li ghamel dan.

Fid-dawl ta’ dan ghalhekk il-Qorti ma tistax issib htija fir-rigward tat-tielet, ir-raba, il-hames u s-sitt akkuzi billi ma hemmx prova fl-atti illi l-imputati iddepozitaw xi skart jew zibel kif jinghad f’dawn l-akkuzi.

Illi s-seba u tmien akkuzi jaqghu taht id-disposizzjonijiet tal-Avviz Legali 160/1997 u cioe’ r-Regolamenti tal-1997 dwar Hitan tas-Sejjieh u Strutturi Rurali (Konservazzjoni u Manutenzjoni)

Illi r-Regolament 5(2) tal-Avviz Legali jiddisponi:
“*Hadd ma jista’ ihott jew iqieghed fil-periklu b’kull mezz li ikun l-istabbilita’ jew is-sbuhija ta’ hitan tas-sejjieh, kostruzzjoni, struttura jew fond rurali jew li ma ihalliex l-ilma tax-xita jghaddi gieri minn gol-binja tal-hitan tas-sejjieh, jew li jimmina s-sisien ta’ xi hajt tas-sejjieh, kostruzzjoni, struttura jew fondi rurali*.”.

Illi mill-provi li jinsabu fl-atti ma jirrizultax illi xi hadd mill-imputati ghamel xi hsara fil-hitan tas-sejjieh f’dana l-wied. Dana l-att gie ikkonstatat minn Aimee Brincat meta ghamlet l-ispezzjoni fis-16 ta’ Frar 2007 fejn hija stqarret illi bit-tfigh tal-materjal li sar wara t-03 ta’ Frar 2007 gie mgholli l-livell tal-passagg tant illi parti mill-hitan tas-sejjieh gie mirdum. Illi dana l-istat ta’ fatt ma kienx jezisti fit-03 ta’ Frar 2007 meta giet mitfuha t-torba mill-imputati Saliba u Said. Dana jirrizulta minn kostatazzjonijiet li ghamel Gordon Grech rapprezentant tal-MEPA. Dana jidher car mir-ritratti li hu ha dak in-nhar u li jinsabu esebiti fl-atti.

Illi konsegwentement lanqas id-disgha u l-ghaxar akkuzi ma jirrizultaw ippruvati fil-konfront tal-imputati Josef Said u Joseph Muscat.

Illi finalment fir-rigward tal-ahhar zewg akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat Carmel Saliba, jinghad is-segwenti. Ma hemmx dubbju kif jammetti l-imputat stess illi kien hu fil-kapacita ta’ sindku illi ta struzzjonijiet lil Said sabiex isir ix-xoghol fil-Wied in kwistjoni. Illi gialadarba l-Qorti ser issib htija fir-rigward tal-ewwel zewg akkuzi kwindi l-akkuza fejn dina tirreferi ghal-ksur tar-regolamenti tal-Avviz Legali 128/1997 hija ippruvata ghalkemm kompriza u involuta f’dawn l-akkuzi. Illi l-ahhar akkuza madanakollu ma hijiex ippruvata billi kif inghad iktar ’il fuq ma hemmx provi fl-atti li jindika illi t-tfigh ta’ skart fid-dati ta’ wara t-03 ta’ Frar 2007 kien responsabbli ghalihom l-imputat Saliba.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat ir-regolamenti 3, 4, 22(d) u 23 tal-Avviz Legali 128 tal-1997, filwaqt li tillibera lill-imputat Joseph Muscat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu, issib lill-imputati Carmel Saliba u Josef Said hatja biss tal-ewwel zewg akkuzi u lil-imputat Carmel Saliba hati ukoll tal-11-il akkuza fejn dina tirrigwarda ksur tal-Avviz Legali 128/1997, tikkundannhom multa kull wiehed ta’ €1200 u tilliberahom mill-kumplament tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Finalment wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tikkundanna lill-imputati Carmel Saliba u Josef Said ihallsu ugwalment bejniethom is-somma ta’ €191.92 lir-Registratur tal-Qorti bhala spejjez peritali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------